MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Numru. 383/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**PASCALINO CEFAI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat PASCALINO CEFAI bin Joseph u Teresa nee Saliba li joqghod 24, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 52480 (M) akkuzat talli:

Fit-tletin ta’ Lulju, 2003 ghall-habta ta’ bejn it-12.00 u 12.30 ta’ wara nofsinhar, fl-inhawi tal-pjazza tal-Kattidral ta’ Ghawdex, volontarjament ghamel hsara fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBG 872 Ford Escort ta’ kulur

abjad ghad-dannu ta’ sidha Joseph Portelli,liema hsara ma tiskorriex l-ammont ta’ hamsin lira izda hija izjed minn ghaxar liri Maltin.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni b’mod partikolari lil PS 187 u PC 330 jghidu kif nhar it-tletin ta’ Lulju, 2003 Joseph Portelli kien irraportalhom kif meta spicca mill-Qorti dakinhar stess tard filghodu u kien sejjer lejn il-vettura tieghu tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni FBG 872, ra lill-imputat jobrox il-vettura tieghu.

Il-Qorti semghet ukoll lil Joseph Portelli jixhed u jghid kif dakinhar tal-incident in kwistjoni huwa kien il-Qorti u kellu jixhed f’kawza kontra l-imputat u meta spicca u kien sejjer lejn il-vettura tieghu, rat lill-imputat jobrox il-vettura tieghu b’mod partikolari fuq il-bonett. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx cert minn dan, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li baqa sejjer l-ghassa biex jirraporta dan il-kaz. Spjega kif wara jumejn ha l-vettura tieghu f’garaxx in-Nadur sabiex jigbor stima ta’ hsara li kellu u in effetti huwa esebixxa din l-istima li indikat il-hsarat fl-ammont ta’ LM 38 konsistenti f’riparazzjoni, f’girfa fuq il-bonett tal-Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni EBG 879.

L-imputat ghazel li jixhed b’mod volontarju u minn jeddu u cahad dak kollu li gie allegat fil-konfront tieghu.

Il-Qorti ghalhekk kienet rinfaccjata bix-xhieda ta’ Portelli li qal li kien l-imputat li giriflu l-karozza u c-cahda totali minn naha tal-imputat.

Il-Qorti ghalhekk kellha zewg verzjonijiet konfliggenti pero wara li ghamlet l-ezami tax-xhieda ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 u cioe` qieset il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, qieset l-imgieba taghhom, l-interess li kellu kull xhud, il-konsistenza tax-xhieda u l-fatizzi ohra tal-kaz, thoss illi x-xhieda moghtija minn Portelli hija aktar kredibbli u verosimili minn dik moghtija mill-imputat.

In vista tal-premess wara li rat l-artikolu tal-ligi 325 (c) tal-Kap 9 tiddikjarara li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif

addebitata fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' LM 50.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------